C/2023/1032

20.11.2023

OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-28 ta' Settembru 2023

dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-Istatistika Ewropea

(CON/2023/29)

(C/2023/1032)

Introduzzjoni u bażi legali

Fl-20 ta' Lulju 2023, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropeja għal opinjoni dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 223/2009 dwar l-Istatistika Ewropea ([1]) (minn issa 'l quddiem "ir-regolament propost").

Il-kompetenza tal-BĊE li jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikoli 127(4) u 282(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) peress li r-regolament propost fih dispożizzjonijiet li jaffettwaw il-kompiti tal-BĊE dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku skont l-Artikolu 5 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem l-"Istatut tas-SEBĊ"). Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 17.5 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

1. Osservazzjonijiet Ġenerali

1.1. Skont ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill ([2]) (KE) Nru 2533/98 ([3]), l-istatistika Ewropea tiġi żviluppata, prodotta u divulgata kemm mis-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) kif ukoll mis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ). L-ESS u s-SEBĊ joperaw taħt żewġ oqfsa legali separati li jirriflettu l-istrutturi ta' governanza rispettivi tagħhom u l-importanza li tiġi żgurata kooperazzjoni mill-qrib u koordinazzjoni xierqa fit-twettiq tal-funzjonijiet statistiċi tagħhom.

1.2. Ir-Regolament propost għandu l-għan li jagħmel il-qafas legali għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika Ewropea u l-ESS "adattat għall-futur". Ir-Regolament propost għandu l-għan li jikseb dan billi jippermetti lill-ESS tirrispondi aktar malajr u b'mod aktar effettiv għal ħtiġijiet statistiċi urġenti f'sitwazzjonijiet ta' kriżi; l-iffaċilitar tal-aċċess għal *data* miżmuma privatament; u li l-ESS tkun tista' tissodisfa l-aspettattivi tal-utenti għal informazzjoni aktar dettaljata, prodotta aktar malajr, bi frekwenza ogħla u b'aktar għarfien fil-fond. Tali produzzjoni ta' informazzjoni aktar dettaljata ssir possibbli mill-iżviluppi teknoloġiċi, bħall-emerġenza ta' *data* diġitali u ġġenerata mill-internet. Il-BĊE jappoġġa bis-sħiħ u jikkondividi dawn l-objettivi mal-ESS u jqis li huma ugwalment rilevanti għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika Ewropea mis-SEBĊ fl-isfera ta' kompetenza rispettiva tagħha.

1.3. Barra minn hekk, il-BĊE jenfasizza li r-regolament propost u l-governanza tal-istatistika Ewropea fl-ESS u s-SEBĊ għandhom jallinjaw mal-istrateġija Ewropea għad-*data* akbar ([4]). L-istrateġija tad-*data* għandha l-għan li tagħmel lill-Unjoni mexxejja f'soċjetà mmexxija mid-*data* billi toħloq suq uniku għad-*data* fejn id-*data* titħalla tiċċirkola liberament fl-Unjoni u bejn is-setturi għall-benefiċċju tan-negozji, ir-riċerkaturi u l-amministrazzjonijiet pubbliċi.

([1]) COM(2023) 402 final.

([2]) Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' *data* suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87 31.3.2009, p. 164).

([3]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8).

([4]) Ara "Strateġija Ewropea għad-*data*: Nagħmlu l-UE mudell għal soċjetà mogħtija s-setgħa bid-*data*", disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea fuq www.commission.europa.eu.

L-istrateġija tad-*data* tirrikonoxxi li biex tiġbor il-benefiċċji ta' użu aħjar tad-*data*, l-Unjoni se jkollha ttejjeb l-istrutturi ta' governanza tagħha għat-trattament tad-*data* u żżid il-ġabriet tagħha ta' *data* ta' kwalità disponibbli għall-użu u l-użu mill-ġdid ([5]). Dawn l-objettivi importanti u globali għandhom ikomplu jsawru r-riforma tal-oqfsa legali li jirregolaw l-istatistika Ewropea.

1.4. Fid-dawl ta' dawn l-objettivi kondiviżi, il-BĊE jqis li huwa aktar importanti li l-membri tal-ESS u tas-SEBĊ ikomplu jikkooperaw mill-qrib biex jimminimizzaw il-piż tar-rapportar u jiggarantixxu l-koerenza meħtieġa għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea ([6]). Dan huwa speċjalment il-każ f'oqsma ta' produzzjoni statistika fejn l-ESS u s-SEBĊ għandhom responsabbiltà konġunta, bħall-produzzjoni tal-kontijiet finanzjarji u l-istatistika tal-bilanċ tal-pagamenti. Iżda dawn l-objettivi huma moqdija wkoll permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib fejn il-BĊE għandu r-responsabbiltà ewlenija għall-produzzjoni tal-istatistika, jiġifieri billi jiżgura li l-membri tas-SEBĊ ikunu jistgħu jużaw, direttament jew indirettament, *data* użata u prodotta mill-ESS, sakemm il-ħtieġa tkun ġiet iġġustifikata.

1.5. Il-kooperazzjoni mill-qrib hija essenzjali wkoll biex jittejjeb il-mod li bih id-*data* ssir disponibbli u tintuża biex jiġu indirizzati l-isfidi soċjetali, klimatiċi u relatati mal-ambjent ([7]). Fil-qasam tal-istatistika, dan jirrikjedi kondiviżjoni tad-*data* sigura u f'waqtha bejn l-istituzzjonijiet pubbliċi kif ukoll bejn is-setturi biex jiġi żgurat li aktar *data* integrata u *data* integrata aħjar issir disponibbli għall-użu, filwaqt li jinżammu fis-seħħ is-salvagwardji korrispondenti tad-*data*. Jekk ma titteħidx l-opportunità pprovduta mir-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 biex tittejjeb il-kondiviżjoni tad-*data* fost il-produtturi fdati tal-istatistika uffiċjali, dan jista' jkollu implikazzjonijiet ċari għall-kisba tal-għanijiet ta' politika rilevanti fil-livell tal-Unjoni.

1.6. F'dan l-isfond, u fid-dawl tar-rwol tas-SEBĊ bħala wieħed mill-pilastri, flimkien mal-ESS, għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea, il-BĊE jqis li l-ESS u s-SEBĊ għandhom jindirizzaw b'mod konġunt l-isfidi l-ġodda li r-regolament propost għandu l-għan li jindirizza. Dan għandu jsir fuq tliet fronti.

1.7. L-ewwel nett, l-aġġornamenti tal-oqfsa legali rispettivi, jiġifieri r-Regolament (KE) Nru 223/2009 u r-Regolament (KE) Nru 2533/98, jeħtieġ li jiġu kkoordinati, b'mod partikolari, biex jissaħħaħ ir-reġim attwali tal-kondiviżjoni tad-*data* għall-finijiet tal-istatistika bejn iż-żewġ sistemi tal-istatistika sabiex jiġu adattati għall-isfidi l-ġodda ffaċċjati mill-istatistika Ewropea ([8]), biex jitnaqqas il-piż tal-produtturi u biex tinġabar statistika makroekonomika uffiċjali ta' kwalità għolja, u biex jinkisbu eżiti statistiċi aħjar ([9]).

1.8. It-tieni nett, il-BĊE jinnota li r-regolament propost jintroduċi sett ġdid ta' regoli biex jiffaċilita l-ġbir ta' *data* biex jiġu ssodisfati d-domandi statistiċi urġenti fi żminijiet ta' kriżi, biex jiġi pprovdut aċċess għal sorsi ġodda ta' *data*, inkluż b'mod partikolari għal *data* miżmuma privatament, u biex tissaħħaħ il-kondiviżjoni tad-*data* fl-ESS ([10]). Fl-istess ħin, mhuwiex biss fl-ESS li r-reġim attwali għall-kondiviżjoni ta' sorsi ġodda ta' *data* għal skopijiet statistiċi għandu jissaħħaħ, iżda wkoll – u f'konformità mad-dmir ta' kooperazzjoni mill-qrib – bejn l-ESS u s-SEBĊ. Kull sistema tinkludi istituzzjonijiet u awtoritajiet fdati li stabbilixxew sistemi u proċeduri rigoruż u affidabbli għall-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tad-*data*.

([5]) Ara l-"Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija Ewropea għad-*data*" (COM/2020/66 final).

([6]) L-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 u l-Artikolu 2a tar-Regolament (KE) Nru 2533/98.

([7]) Il-produzzjoni ta' informazzjoni statistika għall-analiżi tar-riskju klimatiku hija pass importanti fil-pjan ta' azzjoni dwar it-tibdil fil-klima deċiż mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE fl-2021 wara r-rieżami tal-istrateġija tal-politika monetarja tal-BĊE. Ara "Il-BĊE jippreżenta pjan ta' azzjoni biex jinkludi kunsiderazzjonijiet dwar it-tibdil fil-klima fl-istrateġija tal-politika monetarja tiegħu", it-8 ta' Lulju 2021, disponibbli fuq is-sit web tal-BĊE fuq www.ecb.europa.eu.

([8]) Kif deskritt fir-regolament propost u fil-paragrafu 1.2 hawn fuq.

([9]) Ara l-"Opinjoni tas-CMFB dwar l-Iskambju ta' informazzjoni statistika kunfidenzjali (ECI) dwar l-Istatistika Ewropea għal finijiet ta' statistika bejn l-ESS u s-SEBĊ", Kumitat dwar l-istatistika Monetarja, Finanzjarja u tal-Bilanċ tal-pagamenti, 12 ta' Lulju 2023.

([10]) Ara l-Artikolu 1, il-punti (2) u (7), tar-regolament propost, li jdaħħal l-Artikoli 16a u 17b sa 17f ġodda fir-Regolament (KE) Nru 223/2009.

1.9. Fl-aħħar nett, jenħtieġ li jittieħed approċċ ikkoordinat fiż-żewġ oqfsa legali biex jiġi żgurat li r-rapportar statistiku juża komunikazzjoni bidirezzjonali bejn l-awtoritajiet rilevanti u l-aġenti li jirrapportaw, bil-ħsieb li jiġi minimizzat il-piż tar-rapportar, jiġi evitat ir-rapportar doppju u tittejjeb il-kwalità tad-*data* miġbura. Il-bażi ta' din il-komunikazzjoni hija l-identifikazzjoni unika u l-klassifikazzjoni tal-kontropartijiet korporattivi rilevanti (jiġifieri bl-esklużjoni tal-unitajiet domestiċi). Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi ddefinit qafas Ewropew ġenerali fil-kuntest tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 u tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 biex tiġi ffaċilitata l-kondiviżjoni tad-*data* fir-rigward ta' sett limitat ta' attributi tad-*data* u ta' varjabbli ewlenin tal-identifikazzjoni u tal-klassifikazzjoni, li diġà hija prattika stabbilita f'diversi ġuriżdizzjonijiet tal-UE.

1.10. L-istabbiliment ta' komunikazzjoni bidirezzjonali effettiva bejn l-awtoritajiet rilevanti u l-aġenti li jirrapportaw huwa ta' importanza partikolari għall-BĊE minħabba li l-qafas legali li japplika għall-kompiti statistiċi tiegħu jippermetti t-trażmissjoni ta' informazzjoni li tidentifika kontropartijiet rilevanti li tkun inġabret skont l-Artikolu 5 tal-Istatut tas-SEBĊ fi ħdan is-SEBĊ "sal-punt u l-livell ta' dettall neċessarju sabiex jitwettqu l-kompiti tas-SEBĊ imsemmija fit-Trattat jew kompiti fil-qasam tas-superviżjoni prudenzjali assenjati lill-membri tas-SEBĊ" ([11]). B'kuntrast ma' dan, meta tali *data* kunfidenzjali tkun inġabret minn membru tal-ESS, din tista' tiġi trażmessa biss lil membru tas-SEBĊ dment li "din it-trażmissjoni tkun meħtieġa għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni effiċjenti tal-Istatistika Ewropea jew sabiex tiżdied il-kwalità tal-Istatistika Ewropea fi ħdan l-isferi ta' kompetenza rispettivi tal-ESS u tal-ESCB, u sakemm din in-neċessità tkun ġiet iġġustifikata" ([12]). M'għandhiex tintuża għal skopijiet li mhumiex esklussivament statistiċi ([13]). L-esklużjoni ċara ta' ċerti attributi tad-*data* minn dawn ir-restrizzjonijiet applikabbli għad-*data* kunfidenzjali, fejn fil-biċċa l-kbira tal-każijiet dawn ikunu diġà disponibbli pubblikament u/jew bi prezz jew bi ħlas, ittejjeb b'mod sinifikanti l-użu ta' tali *data* u l-kwalità u l-produzzjoni effiċjenti tal-istatistika. Din tkun ukoll prekundizzjoni biex jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż tar-rappurtar.

1.11. B'mod ġenerali, rikonoxximent aktar ċar fir-regolament propost tal-importanza tal-użu ta' tali informazzjoni għat-twettiq tal-kompiti tas-SEBĊ kif imsemmi fit-Trattat, u l-kompiti ta' istituzzjonijiet, korpi u aġenziji oħra tal-Unjoni li qed jitolbu dejjem aktar aċċess għall-informazzjoni miġbura mis-SEBĊ, jappoġġa l-objettivi kondiviżi tas-SEBĊ u l-ESS li jipproduċu statistika ta' kwalità għolja (li jeħtieġu komunikazzjoni bidirezzjonali mal-aġenti li jirrapportaw) u li jissodisfaw l-aspettattivi tal-utenti għal informazzjoni aktar dettaljata, filwaqt li joffru għarfien aktar fil-fond b'appoġġ għall-politiki tal-UE bbażati fuq l-evidenza.

2. **Osservazzjonijiet speċifiċi**

2.1. *L-inkorporazzjoni tal-kompetenzi tal-BĊE fil-premessi tar-regolament propost*

Il-BĊE jqis li, fid-dawl tad-dmir ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn l-ESS u s-SEBĊ, il-premessi tar-regolament propost għandhom isemmu u jirrikonoxxu li l-istatistika Ewropea hija wkoll żviluppata, prodotta u mxerrda mis-SEBĊ skont il-qafas ta' ġbir statistiku tagħha stess. Il-premessi tar-regolament propost għandhom jiċċaraw li d-dispożizzjonijiet tiegħu japplikaw mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-BĊE skont ir-Regolament (KE) Nru 2533/98. Dan ġie spjegat f'waħda mill-premessi tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 oriġinali; madankollu, għaċ-ċarezza u l-konsistenza, dan għandu jiġi inkluż ukoll fil-premessi tar-regolament propost.

2.2. *Trażmissjoni ta' data miżmuma privatament lis-SEBĊ mill-ESS mingħajr il-kunsens minn qabel tad-detentur tad-data għall-kompilazzjoni tal-istatistika Ewropea*

2.2.1. Il-BĊE jinnota li r-regolament propost ([14]) jinkludi mekkaniżmu speċifiku li jippermetti lill-membri tal-ESS jitolbu lil detentur privat tad-*data* biex jagħmel id-*data* u l-metadata rilevanti disponibbli għall-iżvilupp u l-produzzjoni tal-istatistika Ewropea meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet speċifikati fir-regolament propost. Dan il-mekkaniżmu huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' rapportar stabbiliti fil-leġiżlazzjoni statistika settorjali tal-Unjoni, jew għall-obbligu għad-detenturi tad-*data* li jagħmlu d-*data* disponibbli abbażi ta' ħtieġa eċċezzjonali f'konformità mal-Att tal-UE dwar id-*Data* ([15]).

([11]) Ara l-Artikolu 8(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 2533/98

([12]) L-Artikolu 21(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009

([13]) L-Artikolu 8a(3) tar-Regolament (KE) Nru 2533/98.

([14]) Ara l-Artikolu 1, il-punt (7), tar-regolament propost, li jdaħħal l-Artikoli ġodda 17b sa 17f fir-Regolament (KE) Nru 223/2009..

([15]) Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess ġust għad-*data* u l-użu tagħha (L-Att dwar id-*Data*), (COM/2022/68 final).

2.2.2. Il-BĊE sostna li hemm benefiċċji konsiderevoli li jippermettulu jkollu aċċess għal u juża *data* miżmuma privatament fit-twettiq tal-kompiti statutorji tiegħu ([16]), peress li l-Eurosistema tagħmel użu estensiv mhux biss mill-istatistika uffiċjali prodotta mill-BĊE, mill-membri tas-SEBĊ u mill-ESS, iżda wkoll minn sorsi ta' *data* mhux tradizzjonali, bħal indikaturi tal-mobbiltà tal-popolazzjoni ta' frekwenza għolja bbażati fuq *data* tal-operaturi tan-netwerks mobbli, statistika dwar il-konsum domestiku jew kontijiet nazzjonali appoġġati minn *data* dwar tranżazzjonijiet finanzjarji bħal ordnijiet ta' xiri, fatturi, tariffi tal-kards u entrati fil-ġurnal.

2.2.3 Barra minn hekk, matul dawn l-aħħar ftit snin, id-diġitalizzazzjoni u l-ġestjoni tal-kriżijiet żiedu wkoll b'mod esponenzjali l-ħtieġa li s-SEBĊ jkollha aċċess għal informazzjoni aktar dettaljata, prodotta aktar malajr u bi frekwenza ogħla, minn sorsi mhux tradizzjonali. Dan jippermetti lis-SEBĊ tirrispondi aktar malajr għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza u ta' kriżi u tipproduċi għarfien aktar fil-fond fl-analiżi tagħha meta twettaq il-kompiti tas-SEBĊ. L-aċċess għal *data* miżmuma privatament huwa rilevanti wkoll għal finijiet statistiċi, pereżempju, biex tiżdied il-kwalità tal-istatistika Ewropea prodotta fi ħdan il-kompetenza tas-SEBĊ.

2.2.4. Għal dawn ir-raġunijiet, il-BĊE jara mertu fl-emendar tar-regolament propost ([17]) biex l-ESS tintalab tittrażmetti lill-membri tas-SEBĊ, mingħajr il-qbil minn qabel tad-detentur tad-*data*, id-*data* li tista' titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-membri tal-ESS minn detentur tad-*data* privat. It-trażmissjoni sseħħ biss fejn meħtieġ biex is-SEBĊ tiżviluppa, tipproduċi u xxerred statistika Ewropea jew iżżid il-kwalità tagħha. Dan jiżgura li r-reġim ikun effettiv biex jagħmel din id-*data* disponibbli għall-kompilazzjoni tal-istatistika Ewropea mill-ESS u s-SEBĊ u jżid it-trasparenza rigward il-kondiviżjoni għad-detentur tad-*data* privata. Fl-istess ħin, il-membri tas-SEBĊ għandhom ikunu meħtieġa jieħdu miżuri ekwivalenti għall-istituti nazzjonali tal-istatistika (NSIs) u l-Kummissjoni (Eurostat) biex jipproteġu kwalunkwe *data* li tista' tirċievi fl-interessi tad-detenturi privati tad-*data*.

2.3. *It-titjib tar-reġim tal-kondiviżjoni tad-data bejn l-ESS u s-SEBĊ*

Ir-Regolament propost ([18]) jistabbilixxi reġim ġdid biex jiffaċilita l-kondiviżjoni tad-*data*, inkluża *data* kunfidenzjali u r-riżultati ta' azzjonijiet statistiċi temporanji ([19]), bejn l-NSIs innifishom u bejn l-NSIs u l-Kummissjoni (Eurostat). Fl-istess ħin, ma tindirizzax il-ħtieġa li tissaħħaħ il-kondiviżjoni tad-*data* bejn l-ESS u s-SEBĊ. F'konformità mad-dmir ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn l-ESS u s-SEBĊ ([20]), ir-reġim il-ġdid propost għandu jiġi estiż biex jinkludi u jsaħħaħ b'mod simetriku l-kooperazzjoni attwali dwar il-kondiviżjoni tad-*data* mas-SEBĊ bħala produttur tal-istatistika Ewropea. Id-dispożizzjonijiet għandhom jirrikjedu l-kondiviżjoni ta' *data* bejn is-SEBĊ u l-ESS f'oqsma ta' responsabbiltà kondiviża jew interess komuni, sakemm miżuri ekwivalenti għall-protezzjoni tad-*data* jkunu fis-seħħ kemm fis-SEBĊ kif ukoll fl-ESS.

2.4. *Trażmissjoni ta' data kunfidenzjali*

2.4.1 . Ir-Regolament propost ma jemendax id-dispożizzjoni rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 ([21]) dwar it-trażmissjoni ta' *data* kunfidenzjali fi ħdan l-ESS u bejn l-ESS u s-SEBĊ. Konsegwentement, meta l-ESS tittrażmetti *data* kunfidenzjali lis-SEBĊ skont id-dispożizzjoni rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 ([22]), id-*data* tista' tintuża biss mis-SEBĊ "esklussivament għal għanijiet ta' statistika" u hija "aċċessibbli biss għall-persunal li jaħdem f'attivitajiet tal-istatistika fil-qasam tax-xogħol speċifiku tagħhom".

([16]) Ara l-paragrafu 2.3 tal-Opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-5 ta' Settembru 2022 dwar proposta għal regolament dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess ġust għad-*data* u l-użu tagħha (l-att dwar id-*Data*) (CON/2022/30), (ĠU C 402, 19.10.2022, p. 5).
([17]) Ara l-Artikolu 1, il-punt (7), tar-regolament propost, li jdaħħal l-Artikoli ġodda 17b sa 17e fir-Regolament (KE) Nru 223/2009.
([18]) Ara l-Artikolu 1, il-punt (7), tar-regolament propost, li jdaħħal l-Artikolu ġdid 17 fir-Regolament (KE) Nru 223/2009).
([19]) Ara l-Artikolu 1, il-punt (2), tar-regolament propost, li jdaħħal l-Artikolu ġdid 16a fir-Regolament (KE) Nru 223/2009).
([20]) L-Artikolu 2a tar-Regolament (KE) Nru 2533/2009 u l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.
([21]) Ara l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 223/2009.
([22]) Ara l-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE) Nru 223/2009.

2.4.2. Il-BĊE jqis li l-bidliet limitati li jissuġġerixxi fid-dispożizzjonijiet li jirregolaw it-trażmissjoni ta' *data* kunfidenzjali jkunu allinjati mal-objettiv ġenerali tar-regolament propost li jagħmel il-qafas legali li jirregola l-istatistika Ewropea adattat għall-futur u jtejjeb b'mod sinifikanti r-rispons tal-ESS għall-ħtiġijiet tad-*data*. L-ewwel nett, b'rikonoxximent tal-importanza tal-iskambju ta' *data* kunfidenzjali sabiex l-ESS u s-SEBĊ ikollhom l-informazzjoni meħtieġa biex iwettqu l-kompiti tagħhom, kif ukoll taż-żieda esponenzjali fid-disponibbiltà ta' tali *data*, l-ESS u s-SEBĊ għandhom ikunu meħtieġa jtejbu l-kooperazzjoni tagħhom f'dan il-qasam billi jittrażmettu *data* kunfidenzjali fejn din il-ħtieġa tkun ġustifikata. Barra minn hekk, ir-rapportar doppju jiġi evitat, u fl-aħħar mill-aħħar jitnaqqas il-piż tar-rapportar.

2.4.3. It-tieni nett, il-bidliet jippermettu l-użu usa' ta' *data* ta' referenza magħżula, b'mod partikolari, attributi ewlenin fuq kumpaniji individwali, li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet huma disponibbli għall-pubbliku u/jew disponibbli bi prezz jew bi ħlas.

2.4.4. Il-BĊE nnifsu għandu l-għan li jiżgura li l-qafas legali li jirregola l-kollezzjonijiet statistiċi tiegħu jkun "adattat għall-futur". B'mod partikolari, il-modernizzazzjoni tar-rapportar statistiku previst taħt il-proġett tal-Qafas ta' Rapportar Integrat tas-SEBĊ (IReF) ([23]); l-istudju ta' Fattibbiltà usa' tal-EBA skont l-Artikolu 430c tar-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRR) ([24]); u l-istrateġija tal-UE dwar id-*data* superviżorja fis-servizzi finanzjarji tal-UE huma inizjattivi importanti li fihom hija involuta s-SEBĊ.

2.4.5. Dawn l-inizjattivi jeħtieġu komunikazzjoni bidirezzjonali bejn l-awtoritajiet rilevanti u l-aġenti li jirrapportaw dwar id-*data* ta' referenza ewlenija li għandha tintuża biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' rapportar tagħhom. Din hija prekundizzjoni teknika għall-kisba ta' reġim ta' rappurtar komuni għall-banek għal finijiet statistiċi, prudenzjali u ta' riżoluzzjoni.

2.4.6. Il-bażi għal tali komunikazzjoni hija l-kapaċità li ssir referenza għal informazzjoni unika dwar il-kontroparti fil-forma ta' sett ta' attributi ewlenin dwar kumpaniji individwali bħal: l-isem tal-kumpanija, l-Istat Membru fejn il-kumpanija hija rreġistrata, l-indirizz tal-uffiċċju reġistrat u l-forma ġuridika. Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (minn hawn' il quddiem id-"Direttiva dwar id-*Data* Miftuħa") ([25]) u r-regolament ta' implimentazzjoni tagħha ([26]) jirrikjedu li l-Istati Membri jiżguraw li settijiet tad-*data* ta' valur għoli, inklużi attributi ewlenin dwar kumpaniji individwali, bħal dawn ta' hawn fuq, ikunu disponibbli għall-pubbliku. Il-BĊE jinkludi wkoll attributi ewlenin, bħall-identifikaturi tal-entitajiet, l-attività ekonomika prinċipali u l-klassifikazzjonijiet tas-settur tal-ESA, li jmorru lil hinn minn dawk koperti mid-Direttiva dwar id-*Data* Miftuħa. Barra minn hekk, l-informazzjoni dwar il-post tal-unitajiet lokali li hija rilevanti għall-valutazzjoni tar-riskji tat-tibdil fil-klima u għall-produzzjoni u l-analiżi tal-indikaturi tar-riskju tat-tibdil fil-klima jenħtieġ li tiġi inkluża f'din il-kategorija.

2.4.7. Barra minn hekk, f'diversi ġurisdizzjonijiet tal-UE, il-prattiki tal-kondiviżjoni tad-*data* ta' referenza (li jkopru s-sett ta' attributi ewlenin imsemmija hawn fuq u l-varjabbli ewlenin tal-identifikazzjoni u l-klassifikazzjoni, inklużi dawk miġbura mill-NSIs u l-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi)) fil-kuntest tar-rapportar statistiku diġà qed jiffunzjonaw tajjeb fost is-sorsi. Dawn l-esperjenzi juru benefiċċji importanti f'termini ta' rappurtar tat-tnaqqis tal-piż, l-effiċjenza tar-rappurtar, u t-titjib fil-kwalità ġenerali tad-*data*.

([23]) Il-qafas ta' Rappurtar Integrat tas-SEBĊ (IReF) għar-rapportar statistiku tal-banek għandu l-għan li jikkonsolida għadd ta' ġabriet ta' *data* statistika. Dan il-proġett strateġiku tas-SEBĊ huwa l-ewwel pass lejn rappurtar komuni mill-banek għal finijiet statistiċi, prudenzjali u ta' riżoluzzjoni, li huwa bbażat ukoll fuq il-kapaċità ta' skambju u jiddependi fuq l-istess sett ta' *data* ta' referenza ewlenija. Pass strateġiku bħal dan inaqqas il-piż tar-rapportar b'mod konsiderevoli filwaqt li, fl-istess ħin, jimmassimizza l-utilità tad-*data* għall-utenti.

([24]) Għal triq lejn il-kisba ta' standardizzazzjoni, integrazzjoni u interoperabbiltà komuni għar-rapportar tad-*data* tal-banek, ara b'mod partikolari r-"Rapport finali tal-EBA dwar studju ta' fattibbiltà ta' sistema ta' rapportar integrata skont l-Artikolu 430c CRR" (EBA/REP/2021/38) u l-istrateġija fit-tul tas-SEBĊ għar-rapportar tad-*data* tal-banek.

([25]) Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p.56).

([26]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/138 tal-21 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi lista ta' settijiet tad-*data* speċifiċi ta' valur għoli u l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni u l-użu mill-ġdid tagħhom (ĠU L 19, 20.1.2023, p. 43). Is-settijiet tad-*data* rilevanti huma speċifikati fit-Taqsima 5.1 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni.

2.4.8. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-BĊE jqis li d-*data* ta' referenza magħżula ma għandhiex tkun soġġetta għar-restrizzjonijiet applikabbli għal "*data* kunfidenzjali" għall-finijiet tar-regolament propost, sabiex tkun tista' tiġi kondiviża bejn l-ESS u s-SEBĊ, l-aġenti li jirrapportaw u awtoritajiet u utenti rilevanti oħra ([27]) ([28]).

2.4.9. Il-BĊE jipproponi għalhekk li l-Artikolu rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 jipprevedi ([29]) li ċerti attributi ewlenin dwar kumpaniji individwali u l-varjabbli ewlenin ta' identifikazzjoni u klassifikazzjoni ma għandhomx jitqiesu bħala "*data* kunfidenzjali" għall-finijiet tar-regolament propost ([30]). Minflok, għandhom jitqiesu bħala eċċezzjonijiet għar-reġim ta' kunfidenzjalità bejn l-ESS u s-SEBĊ. Barra minn hekk, peress li hija disponibbli għall-pubbliku, is-SEBĊ għandha tkun intitolata li tuża din id-*data* ta' referenza magħżula għal finijiet li mhumiex strettament statistiċi, fi kliem ieħor mhux biss għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid ta' "statistika Ewropea" ([31]) iżda wkoll għat-twettiq ta' kompiti tas-SEBĊ skont l-Artikolu 127(2) u (5) TFUE u l-kompiti tal-BĊE li jikkonċernaw is-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu skont l-Artikolu 127(6) TFUE u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 ([32]).

2.5. *Użu mill-ġdid ta' data disponibbli għall-pubbliku*

2.5.1. Il-BĊE jilqa' l-proposta biex tiġi emendata l-formulazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 ([33]) biexjiġi previst li d-*data* li tkun legalment disponibbli għall-pubbliku ma tridx titqies kunfidenzjali meta tintuża għal skopijiet ta' statistika. Dan huwa konsistenti mal-objettiv tal-istrateġija Ewropea għad-*data* biex jiġi żgurat li d-*data* tkun tista' tiċċirkola liberament fl-Unjoni u bejn is-setturi għall-benefiċċju ta' kulħadd. Din l-emenda proposta tippermetti użu aktar effiċjenti tad-*data* disponibbli għall-pubbliku, peress li l-formulazzjoni attwali tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tapplika biss għal *data* li tibqa' disponibbli għall-pubbliku skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali u ma tinkludix b'mod espliċitu *data* li hija dejjem aktar disponibbli għall-pubbliku skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

2.5.2. Fl-istess ħin, skont il-proposta, id-*data* disponibbli għall-pubbliku ma għandhiex titqies kunfidenzjali biss meta tintuża għal skopijiet ta' statistika. Id-definizzjoni ta' "użu għal għanijiet tal-istatistika" hija emendata biex tfisser "l-użu esklużiv għall-iżvilupp u l-produzzjoni ta' riżultati u analiżijiet statistiċi, inkluż għal riċerka relatata u attivitajiet xjentifiċi jew l-istabbiliment ta' oqfsa ta' kampjunar". Id-definizzjoni għandha tapplika wkoll għad-divulgazzjoni tal-istatistika miksuba minn dik id-*data*, li hija permessa skont id-dispożizzjoni attwali. Dan jgħin biex jiġi żgurat li d-*data* disponibbli għall-pubbliku li tiġi ddivulgagta mill-istatistika ma tkunx soġġetta għal restrizzjonijiet bla bżonn fejn tali *data* terġa' tintuża, inkluż għal skopijiet mhux statistiċi, f'konformità mal-istrateġija tal-UE biex tiżdied id-disponibbiltà tad-*data*. Barra minn hekk, dan jgħin biex jiġi żgurat li s-SEBĊ tkun tista' tuża liberament *data* disponibbli pubblikament li tidentifika persuni ġuridiċi mhux biss biex twettaq il-kompiti statistiċi tagħha iżda wkoll fit-twettiq tal-kompiti tagħha tas-SEBĊ u ta' superviżjoni prudenzjali.

Fejn il-BĊE jirrakkomanda li r-regolament propost jiġi emendat, il-proposti ta' abbozzar speċifiċi huma stabbiliti f'dokument ta' ħidma tekniku separat flimkien ma' test ta' spjegazzjoni f'dan is-sens. Id-dokument ta' ħidma tekniku huwa disponibbli bl-Ingliż fuq EUR-Lex.

([27]) Soġġett għall-protezzjoni tad-*data* personali applikabbli.
([28]) Ara "Minuti tal-Workshop tas-CMFB dwar il-Kollaborazzjoni & skambju ta' *data* tar-reġistru tan-negozju għal finijiet statistiċi (u mhux statistiċi) bejn l-NSIs u l-BĊNi", 29 ta' Ġunju 2022 (il-punt 26 u r-rimarki tal-għeluq).
([29]) L-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 223/2009.
([30]) Jew, għal dik il-kwistjoni, għall-finijiet tar-Regolament (KE) Nru 2533/98, li issa għandu jiġi aġġornat.
([31]) Kif definit fl-Artikolu 1(1a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98.
([32]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63).
([33]) Ara l-Artikolu 1, il-punt (10), tar-regolament propost, li jissostitwixxi l-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-28 ta' Settembru 2023.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE